Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11014 — ABU DHABI PORTS COMPANY / NOATUM HOLDINGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 70/08)

1. Fis-17 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Abu Dhabi Ports Company PJSC ("ADP", l-Emirati Għarab Magħquda), ikkontrollata minn Abu Dhabi Developmental Holding Company ("ADQ", l-Emirati Għarab Magħquda);

— Noatum Holdings S.L.U. ("Noatum", Spanja).

ADP se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Noatum.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— L-ADP hija attiva fil-kummerċ, il-loġistika u t-trasport. Hija topera 10 portijiet u terminals fl-Emirati Għarab Magħquda, kif ukoll faċilitajiet tal-portijiet fl-Eġittu. L-ADP bħalissa mhuwiex attiv fiż-ŻEE;

— Noatum hija primarjament attiva fil-ġestjoni tal-merkanzija u fil-loġistika tal-kuntratti; rappreżentanza kummerċjali, aġenzija tal-port u servizzi tal-vapuri u l-ekwipaġġ, u servizzi speċjalizzati tal-loġistika; u fil-forniment ta' faċilitajiet tat-terminal tal-port.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11014 — ABU DHABI PORTS COMPANY / NOATUM HOLDINGS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.